**Għandek bżonn għanjuna biex tifhem business.gov.au fil-lingwa tiegħek?**

Jekk ma tistax issib l-informazzjoni li qed tfittex fil-lingwa tiegħek, il-links li ġejjin jistgħu jgħinuk tikkuntattja s-servizz li għandek bżonn:

- Translating and Interpreting Service (TIS) National from the Department of Immigration and Citizenship (DIAC).

  TIS National jipprovdi interpreti fuq it-telefon 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa, u jista' jkun aċċessibbli minn kull post fl-Awstralja għall-prezz ta' telefonata lokali fuq 13 14 50.

- National Accreditation Authority for Translators and Interpreters (NAATI)

  NAATI tipprovdi Direttorju ta' Dawk Akkreditati fit-Traduzzjoni u l-Interpretar. Tista' tara Directory online, (Direttorju online), jew tista' ċċempel lin-NAATI direttament fuq il-linja tagħhom, 1300 557 470 (fl-Awstralja) għal għajnuna biex issib traduttur jew interpretu akkreditat.

- Yellow Pages

  Tradutturi u interpreti huma mniżżla fil-Yellow Pages taħt "Interpreters" u/jew "Translators".

- Pubblikazzjonijiet ta' Centrelink f'60 lingwa

  Centrelink tipprovdi traduzzjonijiet ta' ħafna pubblikazzjonijiet online f'aktar minn 60 lingwa. Pubblikazzjonijiet ikopru informazzjoni għal migranti ġodda li jkunu għadhom kemm waslu, ħaddiema part-time u każwali u ftehim ta' sigurta' soċjali bejn l-Awstralja u diversi pajjiżi.

- Department of Immigration and Citizenship (DIAC)

  DIAC qaleb f'lingwi differenti paġni tal-web fi 23 lingwa differenti b'pariri għal dawk ġodda li jkunu qegħdin jissetiljaw fil-pajjiż u nies interassati li jiksbu viża.

- Apprendistat Awstraljan

  Fuljetti dwar Apprendistat Awstraljan jinkisbu f'numru ta' lingwi, inkluż Maċedonjan, Indoneżjan, Għarbi, Ċiniż, Grieg, Taljan, Korean, Spanjol, Vjetnamiż u Kambodjan.

- Pubblikazzjonijiet tal-Uffiċċju tat-Taxxa

  L-Uffiċċju tat-Taxxa jipprovdi pubblikazzjonijiet f'lingwi barranin online dwar kif tapplika għall-ABN tiegħek u informazzjoni oħra tat-taxxa. Hemm verżjonijiet fl-Għarbi, Ċiniż, Kroat, Farsi, Grieg, Taljan, Ġappuniż, Korean, Maċedonjan, Russu, Serb, Spanjol, Tork u Vjetnamiż.